50
SENA

# BANDA "MELITA"

1922

PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET
SOĊJALI U MUŻIKALI
MILL-
"MELITA BAND CLUB"
FL-OKKAŻJONI TAL-FESTI
TAL-ĠUBLEW TAD-DEHEB

**14 – 17 TA' SETTEMBRU 1972**

MELITA
A.D. 1922

1972

# Drink Farsons!

## Cisk Lager or Hop Leaf

Farsons beers go with every situation in all seasons. Some prefer Cisk others insist on Hop Leaf. These are just two of the great Farsons brews.

Farsons have 6 different brews for the discerning beer drinkers to choose from.




***drink a drink from Farsons***

# *Kelmtejn ta' qabel*



**Is-Sur J.M. Cassar Naudi, President**

F'din il-ġrajja sabiħa meta qed infakkru l-Ġublew tad-Deheb tat-twaqqif tal-Każin tagħna — il-"Melita Band Club", huwa pjaċir tiegħi li nikteb dawn l-erba' kelmiet bħala President ta' dan il-każin.

Meta nħarsu lura naraw li l-każin tagħna għadda minn żminijiet diffiċli, u li fil-bidu tiegħu ma kienx milqugħ tajjeb minn ċerti nies. Meta kien sa jibda jieħu r-ruħ inqalgħet l-aħħar gwerra li tefagħtu lura u kważi ġiebet il-ħidma tiegħu fixxejn.

Għaldaqshekk wieħed japprezza d-dehen ta' l-ewwel diriġenti li waqqfu dan il-każin tal-banda u ta' dawk li ġew warajhom u rnexxielhom mhux biss iwaqqfuh fuq saqajh u jeħilsuh mit-tiġrib li ltaqa' miegħu fil-bidu imma li saħħuh sakemm wassluh biex jagħmel progress kbir li qed narawh b'għajnejna llum, li jgawdu minnu l-ħafna membri tagħna. Mill-ftit membri ta' ħamsin sena ilu l-każin tal-banda tagħna kiber u żviluppa ruħu f'soċjeta' organizzata u magħquda, li tgawdi r-rispett u l-fiduċja tal-Misidjani kollha.

Għaldaqshekk jiena nappella lill-membri u lill-Misidjani kollha biex infakkru dan il-Ġublew tad-Deheb tal-każin tagħna billi niddedikaw irwieħna mill-ġdid biex inżommu b'determinazzjoni l-għaqda ta' bejnietna għall-ġid tal-Belt tagħna u biex kull wieħed minna jħoss ruħu kburi li hu membru ta' dan il-każin. Dan ikun ifisser li jkun ċittadin denn tal-Belt sabiħa tagħna l-IMSIDA lest li jissagrifika ruħu għall-ġid u l-iżvilupp morali, soċjali u kulturali ta' l-Imsida; għax jekk inkunu Misidjani tajbin ifisser li nkunu ċittadini Maltin tajbin; u għax meta naħdmu biex nibnu Msida aħjar, inkunu qed insaħħu, insaffu, innaddfu u nibnu Malta aħjar.

J.M. CASSAR NAUDI

PRESIDENT.

BARCLAYS

*is proud to be present in Msida*

*at the time when the*

*Melita Band Club celebrates*

*its 50th anniversary*

BARCLAYS BANK INTERNATIONAL LTD.

52 Msida Sea Front, Msida. — Tel. 22837

# IL-KUMITAT TAL-"MELITA BAND CLUB"

# 1971/73

*President*
J.M. Cassar Naudi

*Viċi-President*
L. Betts

*Segretarju*
G.P. Betts

*Kaxxier*
A. Agius

*Asst. Segretarju*
T. Mizzi

*Asst. Kaxxier*
J. Gouder

*Direttur Ġenerali*
F. Camilleri

*Asst. Direttur Ġenerali*
G. Sghendo

*Membri*
A. Camilleri, R. Cutajar, J. Debono, V. Pulis, R. Spiteri u E. Zammit

*Direttur Spiritwali*
Ir-Rev.du Dun A. Caruana

*Direttur - Surmast*
Mro. Ph. Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.

*Kummissjonijiet:*

| | |
|---|---|
| "Banda" | F. Camilleri, R. Spiteri. |
| "Armar" | L. Betts, F. Camilleri, R. Spiteri u E. Zammit. |
| "Attivitajiet Soċjali" | G.P. Betts, L. Betts u J.M. Cassar Naudi. |

*Rappreżentazzjonijiet:*

| | |
|---|---|
| Kunsill Ċiviku Msida | — E. Żammit |
| Malta Band Clubs Association | — R. Spiteri |
| Malta Billards Association | — F. Camilleri |
| Din l-Art Helwa | — J.M. Cassar Naudi |
| M.P.F.A. (Msida District) | — J.M. Cassar Naudi |

## L-EWWEL KUMITAT TAL-"MELITA BAND CLUB" 1922





Is-Sur Rikardu Camilleri
L-Ewwel President

## PRESIDENTI TAL-KAŻIN TAL-BANDA "MELITA"

1922 - 1925 Rikardu Camilleri

1925 - 1932 Vincent Farrugia

1932 - 1933 Joseph Borg

1933 - 1935 Carmelo Fiorini

1935 - 1960 Emanuele Malfia

1960 - J.M. Cassar Naudi

# TISLIMA LILL-BANDA "MELITA"

Minn KILIN


Is-Sur M.C. Spiteri

Il-Banda MELITA għalqet ħamsin sena! Din hija ħaġa, tal-għaġeb. Mhux tal-għaġeb li banda tagħlaq ħamsin sena; infatti hemm uħud li għalqu mija. Iżda hu tal-għaġeb li xi għaqda tgħix hekk fit-tul fl-Imsida. Smajniha kemm-il darba l-kelma li "fl-Imsida ma jżomm xejn". Kważi saret proverbju. Għaliex? Għax l-Imsida tinsab bejn l-ikbar żewġt ibliet ta' Malta; il-Belt u tas-Sliema, u ż-żgħażagħ Misidjani malli jitfarfru tarahom itiru lejn dawn il-bliet kbar. U hekk rajna diversi għaqdiet, u clubs jibdew b'ħafna enerġija u ħeġġa u proponimenti, u wara ftit imutu. Iżda kif għidna, il-banda Melita għadha ħajja u b'saħħitha wara ħamsin sena li fihom ma naqsux id-diffikultajiet u l-għedewwa. Għaliex? X'inhu s-sigriet ta' din iż-żogħżija? Naħseb, u żgur taqblu miegħi, li dan ġara għaliex din is-soċjeta' tat u għadha tagħti lill-Misidjani xi ħaġa li għandhom ħtieġa tagħha: ċentru fejn irġiel ta' kull strat tas-soċjeta', ta' kull eta', ta' kull twemmin politiku jistgħu jiltaqgħu, jilagħbu, jitħadtu u jixorbu flimkien, jinsew id-differenzi soċjali u ta' opinjoni, bħal aħwa u bħala Misidjani. Jalla dan il-pont ma jaqax. Jalla din il-ħolqa li tgħaqqad, ma tinkisirx.

Kien f'Settembru tas-sena 1922, (is-sena li l-familja tiegħi ġiet l-ewwel darba fl-Imsida) meta għadd sabiħ ta' rġiel iltaqgħu f'dar wara l-knisja u ftehmu li jiffurmaw banda. X'isem jagħtuha? Ġużeppi Gerada, wieħed mill-iżjed soċi attivi, issuġġerixxa l-isem "Melita", isem Malta nfisha! Baned oħra msemmijin għal qaddisin, għal persunaġġi kbar (il biċċa l-kbira mhux Maltin), għal kwiekeb u saħansitra għal annimali. Iżda sa fejn naf jien m'hawnx waħda ħlief din tagħna msemmija għal artna. Minn dan il-bogħod ta' 50 sena nsellem lil Ġużeppi Gerada. F'Ottubru saret l-ewwel laqgħa ġenerali u ngħażel l-ewwel kumitat b'Rikardu Camilleri bħala president. Kienet għażla għaqlija għax Camilleri kien raġel bravu, imħeġġeġ u mimli ideat prattiċi għall-amministrazzjoni tajba. U kien imdawwar b'għadd ta' soċi kapaċi daqsu. L-Imsida ta' dak iż-żmien kienet differenti ħafna minn

*(Jissokta f'paġna 8)*

# PROGRAMM TA' ATTIVITAJIET SOCJALI U MUZIKALI MILL-KUMITAT TAL-BANDA "MELITA"

## 1922 GUBLEW TAD-DEHEB 14-17 TA' SETTEMBRU 1972

**Il-Ħamis, 14 ta' Settembru, 1972**

7.30 p.m. Fi Pjazza Palma: Programm Mużikali mill-Banda tal-R.M.A.

**Il-Ġimgħa, 15 ta' Settembru, 1972**

6.30 p.m. Quddiesa fil-knisja Parrokkjali għar-ruħ il-membri mejtin tal-każin tal-banda "Melita".

Jiċċelebra l-Wisq Rev. Dun A. Pace, B.D., Kappillan.

**Is-Sibt, 16 ta' Settembru, 1972**

10.30 a.m. Quddiem il-Każin tal-Banda Melita: Tħawwil ta' siġar u kxif ta' lapida kommemorativa mill-Onor. Paul Xuereb, M.P., Ministru ta' l-Industrija, Agrikoltura, Kummerċ u Turiżmu.

Tberik ta' l-istess lapida mill-Eċċellenza Tiegħu Mons. Emm. Galea, Isqof Titulari ta' Tralles u Vigarju Ġenerali.

8.00 p.m. Fil-Kulleġġ ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija — Kunċert Orkestrali mill-orkestra tat-Teatru Manoel ippreżentat mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni u Kultura u mill-Kumitat tat-Teatru Manoel taħt il-patroċinju ta' l-Onor. Miss Agatha Barbara, Ministru ta' l-Edukazzjoni u Kultura fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb tal-każin tal-Banda "MELITA".

**Il-Ħadd, 17 ta' Settembru, 1972**

10.30 a.m. Quddiesa ta' Ringrazzjament fil-knisja Parrokkjali mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, K.B., D.D., J.C.D., B.Litt., LL.D. (Hons. Caus.) Arċisqof ta' Malta.

2.00 p.m. Marċijiet mill-banda "MELITA" jinstemgħu minn fuq ir-Rediffusion.

7.00 p.m. Fi Pjazza Palma: Programm Mużikali mill-Banda tal-Każin taħt it-tmexxija ta' Mro. Philip Gatt, F.L.C.M. A.R.C.M.

7.40 p.m. Diskors ta' l-okkażjoni mis-Sur J.M. Cassar Naudi, President. Kxif ta' lapida kommemorattiva mill-Eċċellenza Tiegħu Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., Gvernatur Ġenerali ta' Malta. Tberik tal-lapida mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Sir Michael Gonzi, K.B., D.D., J.C.D., B.Litt., LL.D. (Hons. Caus.) Arċisqof ta' Malta.

8.00 p.m. Riċeviment fil-Każin.

### PROGRAMM MUŻIKALI FI PJAZZA PALMA TAHT IT-TMEXXIJA TA' MAESTRO PHILIP GATT, F.L.C.M., A.R.C.M.

MARĊ
TISLIMA LILL-BANDA MELITA — Ph. Gatt

OVERTURE-SOLENNILLE
1812 — P.I. Tchatkosky

INTERMEZZ-SINFONIKU
ARGYRIA — Ph. Gatt

I N T E R V A L L

POEMA-SINFONIKA
FINLANDIA — J. Sibelius

INNU BANDA MELITA — Ph. Gatt

INNU MALTI

Ixtru prodotti
SINGER — ghal hajja aktar komda



Il-Każin tal-Banda Melita

din li nafu llum. Kienet raħal ċkejken tas-sajjieda, fi żmien meta t-traffiku kien l-iżjed biż-żwiemel, meta mhux biss ma kienx hawn talkies u television, iżda meta r-radio kien ħaġa tas-sinjuruni, u biex tara film ta' bla ħsejjes kont trid tmur il-Belt. Min kien iħobb il-mużika kien irid imur it-tijatru (jekk jista' jħallas) jew idoqq xi fornograf bi tromba daqshiex, jew jistenna li tiġi xi banda barranija fil-festa. Il-passatemp waħdieni kien it-tijatrin ta' Sqaq ix-Xewka. Ma nistagħġbux għalhekk li l-Misidjani marru bi ħġarhom biex jissieħbu fis-soċjeta' l-ġdida. U fosthom kien hemm l-aħjar irġiel tal-parroċċa. Fi żmien sentejn il-Każin kien ġarr għal post fix-xatt, u mill-ġdid għad-dar sabiħa "tal-Kolonni"; għammarha; xtara strumentatura ġdida; warrab il-bagatell u xtara biljard ġdid; rawwem numru sabiħ ferm ta' allievi li ħafna minnhom wara ħarġu bandisti tajbin u waslu biex ikunu surmastrijiet; ħa sehem kbir fil-festa f'għaqda sħiħa mal-parroċċa. U t-tim tal-biljard kien jirbaħ lil kulħadd, saħansitra timijiet magħżula misservizzi.

Wara dan il-bidu sabiħ beda l-maltemp, u l-Każin sab min ifixklu minn barra u minn ġewwa. L-għira tal-barranin tistenniha, iżda jisgħobbik tara t-tfixkil mill-membri. Kemm siegħat prezzjużi nħlew mill-kumitati ta' dawn il-ħamsin sena f'passi dixxiplinarji kontra membri li m'għarfux iġibu rwieħhom ta' nies! Oħrajn ta' min jistmerrhom kienu dawk li jkesksu u jnassu, u jgħidu barra dak li jkun sar u ingħad fil-kumitat. żda l-ikbar inkwiet għassoċjeta', sa mill-ewwel żminijiet kien l-indħil politiku. Dan l-indħil sar minn membri tal-partiti kollha, u r-riżulat kien li l-Każin li kien imissu jkun, kif għedna, pont fejn jiltaqgħu bħal ħbieb nies ta' opinjonijiet differenti, sar ħafna drabi kamp ta' tilwm bejn l-aħwa. B'danakollu nieħu gost ngħid li f'kull żmien ma naqsux il-presidenti għaqlin u sodi li fakkru lill-membri li soċjeta' ta' banda trid bilfors tkun newtrali. Wieħed mill-presidenti li safejn nista' nara mill-minuti kien serju ħafna fuq dan il-pont kien is-Sur Viċenz Farrugia, membru parlamentari tal-Partit tal-Ħaddiema. Problema kbir kien dejjem dak tal-finanzi. Ħafna drabi l-kaxxa tbattlet, u ftit qabel il-gwerra

l-banda kienet iżżarma kieku ma sabitx l-għajnuna tal-Każin tal-football.

Fi żmien il-gwerra, b'ħafna mill-Misidjani evakwati, u meta l-problema ma kienx kif wieħed igħaddi ż-żmien wara x-xogħol, iżda kif jibqa' ħaj, is-soċjeta' waqfet mill-attivitajiet tagħha. Iżda ma kienetx mejta, u hekk kif ġiet il-paċi, il-Każin reġa qam min-nagħsa ta' ħames snin. Iżda dak il-mewġ qalil għadda, u llum nara bi pjaċir kbir li s-soċjeta' reġgħet qed tarmi nwar ġodda. Taħt it-tmexxija għaqlija u sinċiera ta' ħabibi Ġużi Cassar Naudi, u bil-ħeġġa ta' membri li tassew iħobbuha, is-soċjeta' ġiet 'il quddiem; xtrat il-Każin, żiedet biljard ieħor; ħasslet standard tal-banda (l-ewwel wieħed jekk ma niżbaljax). U l-Każin sar id-dar tal-Kunsill Ċiviku ta' l-Imsida.

Issa li rajna fil-qosor l-imgħoddi tas-soċjeta' tajjeb nistaqsu: x'se jkun il-ġejjieni? Ċertament iż-żmien li banda ddoqq biss biċċiet ta' l-opri għadda. Illum in-nies tħobb mużika popolari. Mela tajjeb li ntuhielha. Iżda fl-istess waqt nixtieq nara jimxi 'l quddiem it-tagħlim kulturali; mużika klassika, esibizzjonijiet ta' pittura, skultura, hobbies, debates u taħditiet minn nies ta' l-affari tagħhom; laqgħat letterarji. Nixtieq nara l-allievi u l-bandisti Misidjani jagħtu kunċerti fis-sala u jekk jista' jkun fil-pjazez; u nixtieq nara ffurmat kor Misidjan: kor ta' subien u bniet. Elementi tajba hawn kemm trid fl-Imsida. Li jonqos hu li nħajruhom u li ma ngerrxuhomx.

Nagħlaq billi minn qalbi nifraħ lis-soċjeta' MELITA li waslet għall-Ġublew tad-Deheb, u nixtiqilha ħamsin sen' oħra ta' ħajja, u ta' servizz lill-Imsida.


MODERN FURNITURE at MODERATE PRICES by

# INVICTA WORKS

- POLISHED & UPHOLSTERED FURNITURE
- GENERAL WOODWORKS
- FURNITURE COVERED IN LAMINATED PLASTIC
- WROUGHT IRON WORKS
- ELECTRO PLATERS

*Also manufacturers of:*

**Animal Character Children's Chairs, Ironing Boards, Step Stools, Baby High Chairs, Shopping Carriers, Extending Ladders, Folding Ladders, Tables and chairs, Trolleys, stools, etc.**

**QUARRIES SQUARE, MSIDA**
**MARINA ROAD, PIETA'**
**THE STRAND, SLIEMA**
**VALLETTA ROAD, MOSTA** **TEL. 26651**
**75/6440**



**IL-KUMITAT TAL-BANDA "MELITA" 1971/73**

Bil-qiegħda: L. Betts, G.P. Betts, J.M. Cassar Naudi, A Agius u F. Camilleri.

Bil-wieqfa: G. Sghendo, J. Gouder, A. Camilleri, E. Zammit, R. Cutajar, R. Spiteri, J. Debono u T. Mizzi.

Mhux fir-ritratt V. Pulis.






# SPEL 65

## WORLD'S BEST WASHING POWDER

Spel outers are exchangeable for free gifts at

## EMM. BONELLO

10, Fra Diegu Street, Marsa

Dial: 26452

# INNU LILL-BANDA
# "MELITA"

*Mużika*: Mro. Philip Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.
*Versi*: Is-Sur Albert Marshall

Tiru ja noti,
Tal-banda Melita,
Banda Maltija,
Min jiżboq kburitha!?

Tiru 'l fuq ħielsa,
Ja noti fejjieda,
Għaqqdu 'l Imsida,
Bħall-omm ma' uliedha,

Intom in-noti,
Tal-Banda Melita,
Banda li tgħaxxaq,
Bil-ġenn ta' sbuħitha.

Xejn aktar minnek,
O banda Melita,
Għażiż għalina,
Daqs ismek MELITA.

Fik qegħda s-setgħa,
Li thenni 'l widnejna,
Tislet bil-ħlewwa,
Id-dmugħ minn għajnejna.

Dak ismek jibqa',
Fl-irħam ta' l-istorja,
Minqux u mfakkar,
Bil-ħaqq u bil-glorja.

# THINGS



(like studying, dancing, making a wood fire, climbing mountains, potato chips, moonlight, setting your hair, singing, cleaning up your room, getting a suntan)

# GO BETTER WITH COKE

TRADE MARK REG.

Bottled under authority of the Coca-Cola Company by **The General Soft Drinks Company Ltd.**

# Play it Safe!

*Don't carry money*
*Don't stand in queues*
*Keep a record of your expenses*
*Pay by cheque*




***Open a cheque book account with any one of the Banks in the National Bank of Malta Group***

The National Bank of Malta Ltd.
Sciclunas Bank
Tagliaferro Bank Ltd.

**All our Branches are at your service**


"Empire Press" Floriana